**Lill-Kunvent tal-Kapuċċini fil-Kalkara**

Kbir int fil-beraħ
Ta' kampanja daqshiex,
Inħares lejk, nara
'Mħabbet Alla mill-friex.

Għax int hekk kbir, qawwi
Li min miegħek idur,
F'daqqa jiġi f'tiegħu
Li għand Alla jrid 'mur!

O kunvent tant ħieni
Minn ġo fik kemm sar talb,
Kemm nies marru jqerru
Kemm tfarrġet m'ill-ħtija 'l qalb!

O kunvent li sliemek
Għadni nħoss x'ħin narak,
Erġa' ħudni lura
Fil-ferħ li jispirak!

Int il-kenn tal-anġli
Int dar tal-qaddisin,
Int li fik d-dinja
Tinfeda tul is-snin!

Kunvent li fik jidwi
Leħen Franġisku fqir,
Kunvent, dwana t'l-ġenna
Fik jinħass l-ogħla ġid!

U int li tkun għaddej
Għaddejja biswietu,
Ħabbtilhom, idħol, hekk
l-'spirtu jkun bi kwietu!

Għax hi din il-paċi
Int u jien għandna bżonn
Mur għand 'l-Kapuċċini
Aħfer, ħallik mill-ponn!

L-aħħar kelma ngħidlek
Toħodiex bħala lment,
Meta tħossok waħdek
Mur naqra sal-kunvent!

Patri Mario Attard OFM Cap

10 t’Awwissu 2021

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.